Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

**MINUTI TAL-WIEHED U HAMSIN LAQGHA TAL-KUNSILL**

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 27 ta' Ottubru 2010 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 8.00pm |

**Prezenti:**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| **Kunsilliera** | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

**Skuzata:**

| | | |
|---|---|---|
| **Kunsilliera** | Dott. | LUISA GAUCI BALUCI |

**Is-Seduta giet immexxija mis-Sur Norbert Pace, Sindku**
**Is-Sur John P. Bonnici kien ghadu ma wasalx kif bdiet il-laqgha.**
Is-Sindku talab lir-residenti prezenti sabiex jitkellmu. Il-kwistjoni hija relatata ma' item fuq l-Agenda dak ta' Triq ir-Ruzell. Is-Sinjura Rita qalet li hi ghaliha personali tidhol jew tohrog xorta ghax li trid issir *one-way* huwa fatt peress li ma jistax ikun jibqa' ghaddej dak it-traffiku kollu, pero' nholqot problema li hadd mill-area ma' jista' johrog mill-area kif giet issa. Is-Sur Galea qal li l-problema iddur mal-fatt li l-bankina f'tarf Triq ir-Ruzell djieqet. Is-Sur Adrian Chircop qal li biex johrog mill-garaxx hadd ma jcedilu. Hu kompla billi qal li l-anqas is-*sleeping policeman* ma regghet saret. Is-Sur Cordina qal li llum stess is-Segretarju Ezekuttiv baghtet e-mail sabiex din it-talba tinghata prijorita' minhabba li hemm talba ghall-500 wahda u t-TM trid tnaqqashom bin-nofs. Is-Sur Cordina talab lir-residenti jiddeciedu bejniethom x'jixtiequ. Huma esprimew il-fatt li ahjar tohrog milli tidhol. F'dan il-waqt dahal u sab postu is-Sur Bonnici. Is-Sur Cassar qal li jekk ikun hemm xi hadd ipparkjat hazin icemplu l'Kunsill u jibghatu l-Wardens. Is-Sur Galea baqa' jinsisti li ssir *one-way* bil-hin imma l-maggoranza qablu li ssir one-way bil-kontra. Kulhadd qal li mhix vijabbli li ssir *one-way* bil-hin. Is-Sur Cassar qal li hu jippreferi li tkun *one-way* bil-kontra minhabba li kif kompla s-Sur Pace it-tabelli bil-hin saru dekorazzjoni. L-Onorevoli Buhagiar esprima ruhhu f'dan is-sens ukoll u qal li ghan-nom ta' dawn ir-residenti kien ressaq mistoqsija parlamentari imma l'qbil in generali kien li ssir *no entry* minn Triq l-Imdina. Is-Sur Cassar qal li minhabba s-sistema ta' nfurzar hu ma jemminx li hija vijabbli li ssir bil-hin anka fuq il-kwistjoni tad-dhul tat-trakkijiet f'din l-area. Is-Sur Bonnici qal li ma jistax ikun li l-warden joqghod jiccekkja kull trakk ghax nispiccaw ad infinitum. Is-Sur Cordina qal li din il-gimgha stess ha jsir meeting mad-Direttorat tat-TM sabiex issir *no entry* minn Triq l-Imdina u tinbidel minn kif inhi prezentament.

Is-Sinjura Attard ssuggerit li l-wardens jigu avzati biex jaghtu perjodu ta' grace sabiex ma jinghatux citazzjonijiet mill-ewwel.

Is-Sinjura Attard kompliet billi qalet li hi ricieviet kopja tal-korrispondenza li wasslet l-ufficcju tal-Kunsill mill-Lands. Is-Segretarju Ezekuttiv spjegat li wara Mount Carmel hu kollu privat filwaqt li hdejn Wied is-Sewda hemm parti tal-Joint Office, parti tal-Gvern u parti tal-Gvern imma unlet. Is-Sur Cassar ppropona li nergghu niktbu l-Lands ghal hdejn il-Car Park ta' Mount Carmel u nitolbu permess sabiex jitpoggew zewg *cat cafes*.

Residenti minn Triq Santa Katerina intalbu jitkellmu fuq is-sitwazzjoni tal-Maypole u l-ipparkjar bl-addocc u quddiem il-garaxxijiet. Ir-residenti pprezentaw petizzjoni fuq l-ipparkjar bl-addocc u li hadd ma jista' johrog minn daru. Is-Sur Pace qal li ha tigi evalwata s-sitwazzjoni u naraw x'jista jsir. Is-Sinjura Isabelle Farrugia qalet li jekk il-warden jigi mill-4 l'hemm ghax filghodu tkun ftit kwieta, jkun bizzejjed. Is-Sur Mario Gouder qal li jekk issir camera tista' ssir ma' l-arblu tan-nofs. Sorgiet problema fuq l-ipparkjar tal-karozzi quddiem il-garaxxijiet u jekk huma jistghux jipparkjaw quddiem il-garaxxijiet taghhom. Is-Sinjura Farrugia qalet li l-fridges li ghandu fuq wara huma storbjuzi mmens. Is-Sur Gouder qal li dawk huma kollha llegali. Is-Sur Cordina qal li ma tistax tghid li huma llegali ghax il-Kunsill l-ewwel nies mhux awtorita' li tista' tinforza imma wiehed jista' jcempel u jaghmel ilment mal-MEPA biex jiccekkja jekk ghandux permess jew le! Gie deciz li jsiru l-bays f'din l-area ha jkun hemm parkegg ikkontrollat u jsiru patrols mill-wardens kemm jista' jkun f'diversi hinijiet tal-gurnata.

**1. APPROVAZZJONI TA' MINUTI**

Dan l-item gie pospost.

**2. TRIQ IR-RUZELL**

Dan l-item gie discuss u deciz li ssir *no entry* minn Triq l-Imdina. Is-Sur Cassar qal li ahjar inzommu mad-decizjoni li ha l-Kunsill. Talab ukoll sabiex isir *centre line* fi Triq Tursin ir-Rih/Triq il-Qarsajja...din it-talba giet milqugha.

**3. MOZZJONI - KONTINWAZZJONI**

Is-Sur Pace qal li hu kien ressaq mozzjoni li jixtieq li titmexxa. Is-Sur Spiteri qal li la hemm emenda ghandha tinqara u jittiehed votazzjoni fuq din l-ewwel.

Ittiehdet votazzjoni u dawn gew hekk:
4 favur, 2 kontra .
Mozzjoni ghaddiet.

**4. MOZZJONI - EMENDA**

Is-Sur Zammit beda jaqra l-mozzjoni u kompla s-Sur Cassar . Is-Sur Pace qal li l-emenda m'ghandhiex x'taqsam mal-mozzjoni li ressaq hu u ghalhekk min irid iressaq mozzjoni separata. Is-Sur Zammit qal li gie avvicinat minn xi nies li mhux sew li haddiema tal-Kunsill jahdmu fuq propjetajiet ta' membri tal-Kunsill. Hu qal li hu personali qatt ma qabbad lill-hadd mill-haddiema tal-Kunsill jahdmulu fid-dar. Is-Sur Pace irribatta dan u qal li ma jridx ikabbar l-affarijiet ghax ghandu u ghand ibnu haddmu wkoll. Is-Sur Zammit qal li s-Sur Pace ma jistax jinsinwa dan quddiem kulhadd. Is-Sur Spiteri qal li Dott. Edward Zammit-Lewis hu l-Avukat tieghu personali allura hu stess ma jistax iqabbad lill-Dott. Zammit-Lewis ghax hu l-avukat tal-Kunsill? Irribatta li ma taghmilx sens. Kompla billi qal li ghall-kuntrarju ta' dak li qal is-Sur Bonnici li kien wkoll talab lill-Avukat Zammit-Lewis joqghod Avukat tieghu u ovvjament dan ma setax joqghod ghall-unika raguni li fill-kaz hu nvolut il-Kunsill stess. Ara kieku kienet xi hag'ohra personali imma m'ghandhiex x'taqsam mal-Kunsill hekk ma kienx ha jimporta. Hu qal li fl-opinjoni tieghu ma jistghux jithalltu z-zewg affarijiet. Is-Sur Zammit qal li qas kien hemm ghalfejn titressaq mozzjoni ghax hemm miktub fil-ligi li parti mid-dekasteru tas-Sindku li jista' jaqbad u jnehhi l-karigi minghajr hafna fratteriji.

Ittiehdet votazzjoni u dawn gew hekk:
3 favur, 3 kontra . Bil-casting vot tas-Sindku 3 favur 4 kontra l-emenda.
Emenda m'ghaddietx

**5. TENDERS**

Is-Sur Pace qal li kien hemm *adjudicating board meeting* nhar l-4 t'Ottubru 2010 u l-bord issuggerrixxa li t-tenders jinghataw hekk:

Dieter Falzon kien third in line imma fuq bazi ta' esperjenza kien l-ahjar wiehed mill-erbatax li tefghu it-tender.
JF Mallia li kienu l-irhas mit-tnejn.

Fil-kaz tat-Tenders tal-Perit peress li issa l-Perit gdid hu s-Sur Dieter Falzon, il-Kunsill qabel li MP & DC jibqghu inkarigati mix-xogholijiet/progetti li huma kienu periti fuqhom u li ghadhom pendenti.

## 6. GNIEN HAL WARDA

Saret diskussjoni fil-fond fuq l-intopp li qed izomm lill-Kunsill milli jkun jista' jkompli x-xoghol fuq dan il-Gnien. Milli jidher hemm nuqqas ta' qbil fuq fejn trid issir il-bokka ta' access ghall-qabar. Il-Kunsill ha jkompli jaghmel pressjoni fuq il-MEPA.

## 7. JUM H'ATTARD 2010 – GIEH H'ATTARD

Gie suggerit li jsir ma' Festa Natura li se tinzamm nhar is-Sibt, 2 t'April 2010. Gieh H'Attard isir il-Gimgha bhas-soltu. Is-Sur Spiteri ssuggerixxa li ssir speci ta' esebizzjoni tat-train iktar iddettaljata u li dak inhar nergghu ingibu t-trackless train u forsi d-dawra tkun wahda iktar interessanti li ghandha x'taqsam mal-festa tan-natura.
-

## 8. PUNTI MQAJJMA

Is-Sur Stefan Cordina ressaq dan il-punti:

- Talba mill-Attard Ladies Cultural Club sabiex issir affiliation bhaz-zewg kumitati l-ohra li ghandu l-Kunsill kif ukoll talba sabiex il-Kunsill izomm kors ghall-tnax-il persuna tal-fire fighting ghal dan il-grupp ta' nisa. Jekk l-ammont jeccedi t-tnax id-diffrenza tithallas mill-klabb.
- Talba tas-Sur Frankie Vella sabiex tinzeba l-madonna li hemm mal-faccata tal-Ufficcju Parrokkjali. Din it-talba giet milqugha..
- Talba sabiex hdejn il-Bring in site0 quddiem Scotts ikun hemm servizz ta' skip. In it-talba ma ntlaqatx.

Is-Sur Bonnici ressaq dan il-punti:

- Triq Lorenzo Manche qed jintefa hafna zibel fejn il-qasab. Ha jsir rapport lill-MEPA
- Staqsa ghals t-tabella ta' Triq Hal Qormi saret *except to render service* u ma bghaqetx kif kienet *except for residents* ilmenta li ma jistax jidhol minn hemm... Din kienet minghajr permess allura tnehhiet.
- Talab ghal darb'ohra biex titnehha balla konkos li hemm Wied Irmied. Ha tintbghat e-amil ohra lill-MRRA.
- Fakkar fuq dik ix-Xarabank fi Triq il-Qarsaajja

Is-Sur Mark Anthony Spiteri ressaq dan il-punti:

- Ghal *Clean up the world* din is-sena jitnaddaf it-*train embankment*
- Ssuggerixxa li ssir mixja ohra fl-20 ta' Novembru bhal dik li kienet saret minn wara l-isptar Monte Carmeli madwar H'Attard. Hu ghandu jaghmel kuntatt mas-Sur Joe Borg filwaqt li jigi bbukkjat it-Trasport minhabba li se ssir ix-Xemxija.
- Saqsa jekk inghatawx fondi ghall-Kappella ta' San Pawl. Is-Segretarju ezekuttiv nfurmati li gew mghoddija l-Kunsill €3500.
- Talab lis-Segretarja Ezekuttiva tinforma l-kunsill kif infi s-sistema tal-mpieg tal-clerks. Hi qalet li sa fejn taf hi l-kuntratti definittivi spiccaw mad-dhul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja imma ha ticcekkja u tikkonferma.

Is-Sur Cassar ressaq dan il-punti:

- Fakkar fuq il-laqgha ma' Meusac u li ghalih it-Tnejn, Tlieta jew l-Erbgha huwa tajjeb sabiex jiccekkja fuq Fondi Ewropej ghar-restawr

- Niccekkjaw meta tohrog xi applikazzjoni mill-iskemi ghall-Fondi ‘Sebbah il-lokalita’ tieghek’ sabiex il-Kunsill japplikaw ghall-heritage trail.
- Talab li ssir laqgha ma’ Greenpak qabel ma’ tinhareg it-tender skart.
- Qal li l-iskips ta’ hdejn Dun Mikiel Xerri mimlijin u hemm bzonn jitnaddfu malajr qabel ma jidhol il-weekend biex ma naghtux l-ghala lin-nies biex jiddampjaw..
- Saqsa jekk il-*Leaflets* intbaghtux. Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li gabet kwotazzjoni m’ghand il-Maltapost plc u ha johduhom dik il-gimgha.
- Saqsa fuq il-Parking fuq il-bankina fi Triq in-Nutar Zarb. Dawn qed jitnehhew kollha mnn TM.
- Saqsa fuq il-bicca bankina li ma saritx fi Triq in-Nutar Zarb. Ghandha tintbaghat reminder lill-TM.
- Saqsa ghall-kopja tal-complain ghax ma saritx il-kumplament tal-bankina fl-istess triq li ntbaghtet precedentament.

Is-Sur Alfred Zammit:

- Fakkar li kien hemm mozzjoni f’Jannar u kellu jigi mpjegat bniedem flok is-Sur Stellini. Is-Sur Spiteri qal li fl-ahhar laqgha veru kienu ddiskutew l-fatt li kellu jigi mpjegat xi hadd flok is-Sur Stellini imma qal li kienet saret biss diskussjoni fuq kif ha jigi mpjegat. Ghladaqstant hu ssuggerixxa li jinghata hmistax cans mid-data ta’ din il-laqgha tal-kunsill sabiex kulhadd jibghat il-proposti tieghu l-ufficcju u tigi diskussa fil-laqgha li jmiss.
- Lmenta fuq l-impieg ta’ part-time clerk gdida u li ma gewx infurmati u sahaq li darb’ohra jistpera ghar-rigward ta’ l-impjegat gdid flok is-Sur Stellini huma jigu nfurmati.

.

## 9. AGGORNAMENT

Il-laqgħa giet aggornata fit-8.00pm ghall-24 ta’ Novembru 2010.

| Sindku | Data |
|---|---|